MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Numru. 48/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Lorna Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata **Lorna Grech**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, bint Joseph u Mary neé Galea, imwielda Rabat, Ghawdex fit-13 ta' Marzu 1986 u residenti 'Ta' Peppi', Triq il-Bahhara, Ghajnsielem, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 16886(G) akkuzata talli:

nhar is-6 ta' April 2012, ghall-habta ta' 19.00hrs waqt li kienet qieghda ssuq vettura tal-ghamla Toyota Yaris, bin-numru ta' registrazzjoni LRN 133, fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex:

1. b'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku kkagunat offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Adrian Robert Borg skond ma ccertifika Dr. M. Masini M.D. mill-iSptar Mater Dei;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura tal-ghamla Toyota Yaris, bin-numru ta' registrazzjoni LRN 133, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nvolontarjament ikkagunat hsara fuq il-mutur tal-ghamla KYMOCO ta' kulur iswed bin-numru ta' registrazzjoni BCA 034 u dan ai dannu ta' Adrian Robert Borg u/jew persuni ohra.

Il-Prosekuzzjoni talbet li, f'kaz ta' htija, l-imputata tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 128) datata 11 ta' Gunju 2013 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 328(b) u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) fl-Artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-18 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 136), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-11 ta' Gunju 2013, u f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhud prodott mid-difiza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 187) fejn il-Qorti kkoncediet zmien lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-difiza sabiex jipprezentaw in-Noti ta' Sottomissjonijiet taghhom.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*parte civile* pprezentata fis-16 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 194 *et seq.*).

Rat in-Nota Responsiva tal-imputata pprezentata fid-19 ta' Frar 2015 (*a fol.* 202 *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tat-3 ta' Marzu 2015 u fil-15 ta' April 2015 (*a fol.* 213, 214 u 215), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tadderixxi man-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mill-*parte civile*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012, xehed **Dr. Marvic Masini** (*a fol.* 23 *et seq.*) fejn spjega li fis-6 ta' April 2012 ezamina lill-kwerelant Borg u lill-imputata li kienu nvoluti f'incident stradali. Jispjega li Borg kellu frattura tal-klavikola tax-xellug barra xi grif fuq l-ispalla x-xellugija u xi grif u tbengiel fuq is-sieq tax-xellug. Jispjega li huwa kklassifika l-griehi ta' Borg bhala gravi *per durata* minhabba li Borg kellu frattura fil-klavikola. Jghid li l-ghadam irid sitt (6) gimghat biex jaghqad. Ikkonferma z-zewg certifikati medici rilaxxati minnu, liema certifikati gew immarkati bhala Dok. "BS 1" (*a fol.* 21) u Dok. "BS 2" (*a fol.* 22).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Bernard Charles Spiteri** (*a fol.* 25 *et seq.*) rigward dak li gie nfurmat bih minn PS 644 Jason Xerri fir-rigward tal-incident stradali mertu tal-proceduri odjerni. Ezebixxa l-fedina penali u c-certifikat tat-twelid tal-imputata, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "BS 3" u "BS 4" (*a fol.* 27 u 28).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **PS 664 Jason Xerri** (*a fol.* 29 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu in segwitu tal-incident stradali *de quo*, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JX 1" (*a fol.* 33 *et seq.*). Jghid li huwa mar fuq il-post tal-incident u nnota l-vettura tal-imputata pparkjata fi Triq Ghajnsielem wara l-i*Stop Sign* u l-mutur tal-*parte civile* Borg quddiem ix-*showroom* ta' Attard tal-karrozzi. Ikkonferma li kemm Borg u kif ukoll l-imputata ttiehdu l-iSptar u li filwaqt li l-imputata ma sofriet l-ebda griehi, Borg gie certifikat li sofra griehi ta' natura gravi *per durata*. Ezebixxa wkoll l-iskizz (Dok. "JX 2" (*a fol.* 41) u kif ukoll zewg ritratti (Dok. "JX 3" u "JX 4" – *a fol.* 42).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputata kienet ser tohrog minn Triq Ghajnsielem ghal Triq l-Imgarr u li minn fejn kienet hierga hi hemm vizwal tul l-awla principali tal-Qorti ta' Ghawdex. Jghid li l-iskizz u r-ritratti li ezebixxa juru kif sab il-vetturi meta acceda fuq il-post. Jixhed li l-imputata nfurmatu li kienet caqilqet il-vettura taghha lura. Jghid li fuq l-iskizz gie ndikat fejn hu d-*debris* li setgha jara fuq il-post. Jghid li ma setghax isib il-*point of impact* sewwa fejn gara l-incident.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 143 *et seq.*), jghid li meta sehh l-incident ma kienx ghadu dalam pero kien qed jidlam tant li meta ha r-ritratti kien ghadu d-dawl. Jghid li l-incident sehh f'April ghas-18.45pm. Jixhed li l-hsara fil-mutur kienet koncentrata fuq il-furketta ta' quddiem, fuq il-*fuel tank*, u fuq il-*headlamps* fuq in-naha ta' quddiem. Jghid li, meta wasal fuq il-post, il-mutur kien kif jidher f'ritratt Dok. "JX 4" (*a fol.* 42). Jghid li dan kien mitfi. Jispjega li l-vettura tal-imputata kellha l-*bumper* ta' quddiem maqlugh u li d-daqqa fuq il-*bumper* kienet aktar fuq in-naha tal-lemin tieghu.
In ri-ezami jerga' jghid li ma setghax jidentifika l-*point of impact* pero jghid li bejn wiehed u iehor l-impatt sehh ghal go nofs it-triq.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **Saviour Farrugia** (*a fol.* 43) fejn spjega li mentri mutur bin-numru ta' registrazzjoni BCA 034 huwa registrat fuq Adrian Borg, vettura bin-numru ta' registrazzjoni LRN 133 issejjah lil Joseph Xuereb. Ezebixxa d-dokumenti li xehed fuqhom li gew immarkati minn Dok. "SF 1" sa "SF 4" (*a fol.* 45 *et seq.*).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 142), spjega li bil-licenzja li kellu Borg huwa seta' jsuq *motorcycle*.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **Adrian Robert Borg** (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien qed isuq il-mutur tieghu fit-triq principali tal-Imgarr fi triqtu biex jirkeb il-vapur u jghid: *"X'hin nasal fil-main road tal-Imgarr, x'hin nasal quddiem din l-imsemmija triq minn fejn harget il-karrozza li tajritni, minn taht il-ghajn nara l-vettura u x'hin wasalt quddiemha din baqghet hierga qisu ma m'hemm hadd"* (*a fol.* 49). Ikkonferma li l-imputata harget minn fejn tidher il-vettura f'ritratt immarkat bhala Dok. "JX 3" (*a fol.* 42). Jghid li x'hin wasal quddiemha, l-imputata baqghet hierga, tatu daqqa u l-mutur tefghetu got-triq l-ohra, kif jidher f'ritratt Dok. "JX 4" (*a fol.* 42). Jghid li x'hin qam mill-art sab il-vettura tal-imputata mressqa lura ghal fuq l-i*Stop Sign*. Fuq ritratt Dok. "JX 3" (*a fol.* 42) immarka b'salib sa fejn waslet il-parti ta' quddiem tal-vettura tal-imputata meta sehh l-incident. Jghid li kawza ta' dan l-incident gie operat fl-iSptar Mater Dei u kellhom isiru xi viti u *plates* fi spalltu tax-xellug.

**Adrian Robert Borg** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn ezebixxa zewg ritratti li juru kopji tal-*x-rays* li ttehdulu wara l-incident u ritratt iehor li juri wara li saritlu l-operazzjoni f'Malta, liema ritratti gew immarkati bhala Dok. "AB 1" sa "AB 3" (*a fol.* 67).

**Adrian Robert Borg** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 71 *et seq.*) fejn spjega fejn kienu jikkonsistu l-hsarat fil-mutur tieghu in segwitu tal-incident stradali. Huwa jghid li l-mutur kellu quddiem kollu mkisser u kif ukoll fin-nofs tal-mutur u l-genb tax-xellug sa wara. Jghid li l-mutur ma sewwiex u li l-istima li ha kienet dik ta' elfejn u tlitt mitt Euro (€2300.00).

**Adrian Robert Borg** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn ezebixxa disa' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "AB 4" sa "AB 12" (*a fol.* 85 *et seq.*). Jghid li l-mutur in kwistjoni kien xtrah gdid u li l-prezz tieghu kien dak ta' elfejn, tlitt mija u erbghin Euro (€2340.00) li minnhom kien ghadu hallas biss is-somma ta' tmien mija u erba' Euro (€804.00). Waqt id-depozizzjoni tieghu spjega x'inhuma d-dokumenti li gew ipprezentati minnu. Fir-rigward ta' ritratti Dok. "AB 10" sa "AB 11" (*a fol.* 89) spjega li dawn ir-ritratti juru l-akwati fejn sehh l-incident.

In <u>kontro-ezami</u> (li sar fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013 – *a fol.* 83) jghid li l-mutur in kwistjoni kien l-ewwel mutur tieghu. Jghid li l-licenzja sabiex isuq mutur kien akkwistaha xi xhur qabel.

In <u>kontro-ezami</u> (li tkompla fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013 – *a fol.* 97) jghid li l-licenzja biex isuq il-mutur gabha fit-12 ta' Marzu 2012.

In <u>kontro-ezami</u> (li tkompla fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 – *a fol.* 162 *et seq.*) jghid li kien bi hsiebu jaqbad il-vapur tas-7.15pm u li kien ser jipparkja l-mutur. Jghid li ma kienx qed isuq bi *speed* eccessiv. Jghid li peress li kien ghan-nizla kien qed isuq bil-*free*. Jixhed li l-incident sehh ezatt fejn hemm ix-*showrooms*. Jghid li huwa ra l-vettura tal-imputata mad-daqqa ta' ghajn hekk kif kien ser jaqbez it-triq laterali. Jghid li x'hin raha kien ftit il-boghod

minnha. Jispecifika li raha tul ta' hames/sitt darbiet l-awla fejn inzammet is-seduta fil-Qorti meta xehed. Jispjega li lehaq ra lill-imputata gejja bil-mod ghal fuq l-i*Stop Sign*. Jghid li l-incident sehh fuq in-naha tax-xellug tal-karreggjata li kien qed isuq fiha hu. Jghid li ntlaqtet il-parti tax-xellug tal-mutur u li l-faccata tal-mutur ma ntlaqatx. Jghid li l-imputata laqtitu fil-parti tan-nofs tal-faccata ta' quddiem tal-vettura taghha. Jghid li bl-impatt huwa spicca fuq il-karreggjata li minnha jitilghu l-vetturi. Jixhed li qabel sehh l-incident kien qed isuq fin-nofs tal-karreggjata tieghu. Jghid li f'Ghawdex gie nfurmat li kellu jpoggi jdejh fi *sling* u sabiex jiehu l-*pain killers* u li wara li mar l-iSptar f'Malta gie suggeriet lilu li jigu mpjantati viti u *plates*. Jghid li l-i*Stop Sign* li minnha giet l-imputata tinstab f'liwja.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012, xehed **Dr. Joseph Farrugia** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn spjega fiex kienu jikkonsistu l-griehi sofferti mill-*parte civile* Borg wara li kien involut fl-incident stradali *de quo*. Huwa ta d-depozizzjoni tieghu wara li ra n-notamenti li kien hemm imnizzla fil-*file* mediku ta' Borg liema *file* huwa dak li jinsab fl-iSptar Generali ta' Ghawdex. Spjega li fl-14 ta' April 2012 saret operazzjoni fuq Borg fejn saritlu *plate*. Irrizulta wkoll li Borg kellu jaghmel fizjoterapija ghal gimghatejn u li fil-11 ta' Gunju 2012 irrizulta li Borg kellu *full movement*. Jghid li Borg gie ezaminat fl-10 ta' Dicembru 2012 fejn liema data hemm miktub hekk: *"pain is better but still pain especially early in the morning; also stiffness, and he is complaining of hyperaesthesia zones around infraclaivical area"* (*a fol.* 58). Jispjega li *hyperaesthesia* huwa meta jkollok qisu tnemnim.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-25 ta' Frar 2014 (*a fol.* 153 *et seq.*), jghid li qabel April 2012 Borg ma kellu ebda ilmenti fuq spalltu tax-xellug. Jghid li fis-27 ta' Mejju 2013 hemm *entry* li tghid hekk: *"doing well, abducation ta' hundred degrees, forward flection ta' one two ow (120); see in three (3) months to continue physiotherapy"* (*a fol.* 153). Jghid li din hija l-ahhar *entry* fil-*file* mediku ta' Borg.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013, xehed **Dr. Antonin Pechar** (*a fol.* 68 *et seq.*) fejn spjega li huwa ezamina lil Borg fis-7 ta' April 2012 u spjega wkoll li huwa ccertifika l-griehi sofferti minn Borg bhala gravi *per durata* peress li fl-opinjoni tieghu t-trattament kellu

jiehu minn tal-anqas hames (5) gimghat. Jispjega li minhabba l-*plate* li tigi mpoggija, bhal dan il-kaz, il-fejqan idum ftit aktar biex isehh.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-25 ta' Frar 2014 (*a fol.* 156), spjega li wara s-7 ta' April 2012 huwa ma regax ezamina lil Borg. Mistoqsi jghid jekk hux konxju tal-fatt li l-*implants* gew mnehhija minn Borg, wiegeb: *"Whether they the implants were removed I am aware now after reading the file again"* (*a fol.* 156). Mistoqsi jghid jekk jafx li dawn l-*implants* kollha gew imnehhija, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013, xehed **Natalino Agius** (*a fol.* 90 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa *surveyor* u spjega li f'dan il-kaz gie nkarigat minn Citadel Insurance plc sabiex jaghmel *survey report* fuq il-mutur ta' Borg, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "NA 1" (*a fol.* 93 *et seq.*). Spjega li l-mutur kellu hsarat estensivi u spjega ghala ma kienx il-kaz li dan il-mutur jissewwa u ghal-liema raguni gie dikjarat bhala *beyond economical repair*.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-25 ta' Frar 2014 (*a fol.* 158 *et seq.*), mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni ghala l-incident sehh f'April 2012 u s-*survey* gie redatt minnu f'Settembru 2012 wiegeb li ma jafx. Jghid li l-hsara fil-mutur kienet koncentrata fuq quddiem tieghu, jekk mhux sejjer zball fuq ix-xellug tieghu. Jghid li l-mutur ma kienx f'pozizzjoni li jimxi.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013, xehed **Mario Cardona** (*a fol.* 95 *et seq.*) fejn spjega li huwa *cost controller* ma' Citadel Insurance plc. Huwa spjega li fl-incident stradali *de quo* l-imputata kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2013, xehed **Dr. Martin Slivka** (*a fol.* 116 *et seq.*) fejn spjega li huwa wettaq l-operazzjoni li saret fuq il-*parte civile* Borg. Huwa spjega li l-griehi sofferti minn Borg kienu ta' natura gravi. Ezebixxa zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "MS 1" u "MS 2" (*a fol.* 122 u 123). Huwa spjega li ezamina lil Borg fl-10 ta' Dicembru 2012 fejn spjega: *"pain got much better but still in pain especially in early morning and the pain extends to the shaft of the humerus"* (*a fol.* 117). Wiegeb li m'huwiex konxju

tal-fatt li Borg ghadu ghaddej bi trattament mediku gewwa Ghawdex.

In kontro-ezami jghid: *"leaving it [the injury] for non-operative treatment would mean not complete loss but reduction of the shoulder function"* (*a fol.* 119). Mistoqsi jghid kemm jiehu zmien biex ifiequ l-griehi sofferti minn Borg, wiegeb: *"I found it healed on that day when he came to me in December"* (*a fol.* 119).

Mistoqsi mill-Qorti jekk il-griehi sofferti minn Borg setghux iwasslu ghal dizabilita' permanenti, wiegeb: *"Yes, but not a lot I suppose"* (*a fol.* 121).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2013, xehdet **Claire Borg** (*a fol.* 124 *et seq.*) fejn qalet li ritratti mmarkati bhala Dok. "AB 11" u "AB 12" (*a fol.* 89) gew mehuda minnha.

In kontro-ezami tghid li ritratt Dok. "AB 11" (*a fol.* 89) haditu meta kienet tinsab fuq in-naha tax-xellug tat-triq laterali fid-direzzjoni tar-Rabat.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2013, xehed **Gordon Micallef** (*a fol.* 137 *et seq.*) fejn spjega li huwa *motor-cycle dealer.* Ikkonferma bil-gurament Dok. "AB 4" (*a fol.* 85) u Dok. "AB 5" (*a fol.* 86). Spjega li l-prezz tal-mutur kien dak ta' elfejn u mitejn Euro (€2200.00). Ezebixxa rcevuta fiskali li giet immarkata bhala Dok. "GM 1" (*a fol.* 140).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2014, xehdet l-imputata **Lorna Grech** (*a fol.* 170 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut kienet hierga minn *cross road* li taghti ghal Triq l-Imgarr u kienet sejra l-fuq lejn id-direzzjoni tax-Xewkija. Tghid li kienet wahidha fil-vettura. Tghid li kienet wieqfa fuq l-i*Stop Sign* peress li kienu telghin u nezlin il-vetturi. Tixhed li peress li l-i*Stop Sign* tinsab mahruga l-barra, hi setghet tara sew min kien gej minn fuq. Ezebiet zewg ritratti li gew immarkati bhala Dok. "LG 1" u "LG 2" (*a fol.* 177 u 178). Tghid: *"x'hin rajt li ma kien gej hadd minn fuq u minn isfel, harist sew 'il fuq u 'l isfel u kif hrigt nara l-mutur bis-sewwieq gej ghal fuqi"* (*a fol.* 171). Tghid li kienet wieqfa fuq l-i*Stop Sign* kif tidher f'ritratti f'Dok. "LG 1" u "LG 2" (*a fol.* 177 u 178). Tghid li rat il-

mutur u s-sewwieq gejjin fuqha. Tispjega li mad-daqqa nqalghet ix-xibka taghha ta' quddiem tal-vettura. Tghid li peress li kienet fi stat ta' paniku regghet lura l-vettura taghha f'postha ghax ma kienitx taf x'se taqbad taghmel. Tghid li l-vettura taghha regghet poggietha lura fuq l-i*Stop Sign*. Mistoqsija mill-Qorti kemm kienet id-distanza li ressqet lura l-vettura taghha, wiegbet: *"Ma niftakarx imma naf zgur li ma qbiztx il-line tan-nofs tat-triq ghax kieku ovvjament il-hsarat fuq il-karozza kienu jkunu aghar u anke ghas-sewwieq tal-mutur"* (*a fol.* 172). Tichad li l-vettura taghha kienet harget kollha kemm hi mill-i*Stop Sign*. Tghid li l-bieba taghha tal-vettura kienet lehqet qabzet l-i*Stop Sign*. Ezebiet tlitt ritratti ohra li gew immarkati bhala Dok. "LG 3" sa "LG 5" (*a fol.* 179 *et seq.*) li juru l-hsarat fil-vettura taghha. Tghid li ma kienitx qabzet il-linja tan-nofs tat-triq. Tixhed li kienet hierga bil-mod u kienet fuq il-*first gear*.

In <u>kontro-ezami</u> taqbel li minn fejn kienet hierga hi hemm vizwal tajjeb lejn ir-Rabat. Taqbel li Borg kien gej min-naha tar-Rabat. Tikkonferma li kien ghadu d-dawl. Tghid li setghet tara li Borg ma kienx qed isuq ghan-nofs tat-triq. Tghid li forsi kien qed isuq fuq in-naha tad-djar, cioé qrib il-bankina. Ma tiftakarx li Borg pprova jevitaha qabel l-impatt. Taqbel li Borg spicca f'nofs il-karreggjata li tehdok lejn ir-Rabat. Tghid li rat lil Borg gej ghal fuqha.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2014, xehed **Joseph Xuereb** (*a fol.* 183 *et seq.*) fejn spjega li l-imputata hija bintu. Jghid li meta sehh l-incident hu ma kienx ma' bintu fil-vettura. Jghid li l-imputata nfurmatu li kienet involuta fl-incident stradali *de quo* u fi zmien sitt-tmien minuti kien fuq il-post tal-incident. Jixhed li l-hsara fil-vettura ta' bintu l-imputata kienet fuq quddiem u li biex giet trangatha l-hsara fil-vettura taghha ntenfqet is-somma ta' erba' mija u hamsa u disghin Euro (€495.00). Jghid li wara l-incident, il-mutur ta' Borg tmexxa b'mod regolari fuq zewg roti u li ma ra lil hadd jerfa' l-mutur.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 188 *et seq.*), jaqbel li l-hsara fil-vettura ta' bintu kienet kompletament frontali. Ma jiftakarx li ra xi *debris*.

**Ikkunsidrat**

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata, ikun opportun li l-ewwel il-Qorti taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward l-incident stradali *per se*.

Illi l-Qorti tinnota li ma jezistux divergenzi kbar bejn id-depozizzjoni moghtija mill-parti leza Borg u dik moghtija mill-imputata fir-rigward ta' kif sehh l-akkadut. Jirrizulta li meta sehh l-incident kien ghadu d-dawl. Jirrizulta wkoll li mentri Borg kien qed isuq il-mutur tieghu fi Triq l-Imgarr, li hija triq principali, u li kien sejjer fi triqtu biex jaqbad il-vapur, l-imputata kienet gejja minn triq laterali li fit-tarf taghha hemm *Stop Sign* u riedet tmur il-fuq, fid-direzzjoni tar-Rabat, harget minn fuq din l-i*Stop Sign* u sehh l-incident. Dan jghiduh kemm il-parti leza u kif ukoll l-imputata kemm meta taw id-depozizzjoni taghhom quddiem il-Qorti u kif ukoll meta taw il-verzjoni taghhom lis-Surgent li nvestiga l-incident stradali u li acceda fuq il-post tal-incident ezatt wara li dan sehh. Fil-fatt *a tempo vergine* l-parti leza lis-Surgent qallu hekk:

> "Kont niezel lejn ix-Xatt u hargitli karrozza minn fuq *Stop Sign*. Jien ippruvajt nevitaha izda kienet wisq il-barra. Irrid nghid ukoll li wara l-habta l-karrozza ccaqalqet lura minn fejn hbatna."[1]

Da parte taghha, l-imputata qaltlu s-segwenti lis-Surgent:

> "Kont ser nohrog sejra lejn ix-Xewkija u minn faccata tieghi kienet gejja karrozza ohra u wara rajt li ma kien gej

[1] Dok. "JX 1" (*a fol.* 33 *et seq.*).

> hadd minn isfel u minn fuq u harist ukoll faccata u ma rajt lil hadd u hrigt u sibt lil tal-mutur ma' wicci".[2]

Kemm il-parti leza u kif ukoll l-imputata kienu wahidhom u kienu huma biss li setghu jixhdu rigward id-dinamika tal-incident. M'huwiex kontestat lanqas li wara li sehh l-akkadut l-imputata ressaqet il-vettura taghha wara l-linja tal-i*Stop Sign*.

Illi, fir-rigward tal-hsarat kagunati fil-mutur u fil-vettura, il-parti leza Borg jishaq li l-impatt fuq il-mutur misjuq minnu kien koncentrat fuq il-genb tax-xellug. Il-hsara fil-vettura misjuqa mill-imputata kienet fuq il-faccata ta' quddiem tal-vettura.

Illi fid-decizjoni moghtija fit-22 ta' Gunju 2005, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited noe et vs. Raymond Vella**, il-Qorti qalet hekk:

> "Li jfisser allura li l-attrici Beryl Pauline Jepsen kellha d-dritt ta' precedenza in kwantu kellha titqies bhala "*main road user*". Li jfisser ukoll illi fic-cirkostanzi l-konvenut kellu jitqies bhala "*side road user*", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu "l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi *dead slow* u sahansitra iwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" – **Il-Pulizija vs. Anthony Galea**, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137); **Joseph Rizzo vs. Paul Micallef**, Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974; Issokta jigi

[2] *Ibid.*

> precizat fuq din it-tematika illi "min ikun hiereg minn *side street* ghal *main road* ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-*main road* u li jieqaf ghal kollox jew johrog *inching out*, u jassigura li t-triq hi libera. Is-*side road user* ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" - **Mark Sammut vs. Maryse Germaine del la Fargue**, Appell Civili, 2 ta' April 1976".

Illi apparti dan il-Qorti tinnota li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala *proper look out*. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista**[3], il-Qorti ghamlet taghha bran mehud minn decizjoni precedenti[4] u sostniet:

> "Gie appropositu ritenut li hu dover ta' *driver 'to see what is in plain view"* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** [10/08/1963] u li *'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout'* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17/06/1961])".

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

[3] Appell Kriminali deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004].
[4] Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD].

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi, minn qari tal-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa lis-Surgent ezatt wara l-akkadut, minn dak li xehdu quddiem il-Qorti, minn fejn gew sofferti l-hsarat fil-vettura u fil-mutur u minn dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-ferma kovinzjoni li l-incident stradali *de quo* sehh unikament minhabba s-sewqan ta' l-imputata. Jirrizulta li l-kawza prossima tal-incident kien il-hrug inopportun tal-imputata mit-triq laterali. Hija ma haditx il-prekawzjonijiet kollha necessarji meta giet biex tohrog minn triq sekondarja ghal triq principali u jirrizulta wkoll li ma kellhiex il-*proper lookout* li huwa rikjest li ghandu jkollha altrimenti kienet tinduna li kien gej il-parti leza Borg fit-triq principali.

Illi jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imputata naqset mill-obbligu taghha li tassigura ruhha li qabel tixref fuq it-triq principali tkun certa li ma kienitx ser tkun ta' xkiel ghall-vetturi misjuqa fuq it-triq principali, haga li jirrizulta li ma ghamlitx. Minn fejn kienet hierga l-imputata hemm vizwal sew fit-tul minn liema vizwal l-imputata setghet tara lill-parti leza gej bil-mutur tieghu fit-triq principali. M'huwiex ragunament validu tad-difiza r-ragunament li l-parti leza setgha kien qed isuq aktar lejn il-bankina.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, *ammenoché* dak li jigri ma jkunx dovut unikament u

eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (*Vide* Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-parti leza Borg ta lok sabiex l-incident sehh u l-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-ebda element ta' kontributorjeta' da parte ta' Borg u b'hekk il-parti leza m'ghandux jigi mghobbi bi htija kontributorja ghalih.

Ghaldaqstant, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-incident stradali mertu ta' din il-kawza sehh minhabba li l-imputata harget minn triq laterali minghajr ma hadet il-prekawzjonijiet kollha necessarji li hija kienet obbligata li tiehu.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni –**

**(Offiza ta' Natura Gravi fuq il-persuna ta' Adrian Robert Borg)**:

Illi din l-imputazzjoni hija dik ta' griehi gravi involontarji skond l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioé griehi gravi kkawzati minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi*

> *kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol. vs. Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs. Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs. Hardingham****, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs. Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, huwa car li l-imputata kienet zgur negligenti u traskurata fis-sewqan taghha. M'hemmx dubju wkoll li l-imputata kellha nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Dan kollu qieghed jinghad meta wiehed jikkunsidra dak li nghad aktar qabel f'din is-sentenza u b'mod specjali meta wiehed jikkunsidra li l-incident stradali sehh minhabba l-fatt li l-imputata ma haditx il-prekawzjonijiet li hija kienet obbligata li tiehu meta giet biex tohrog minn triq laterali ghal triq principali bil-konsegwenza li l-parti leza sofra griehi fuq il-persuna tieghu. Dan kollu qieghed jinghad minkejja li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 202 *et seq.*), l-imputata taghmel tentattiv inutili fejn tipprova tiskolpa lilha nfisha minn kwalunkwe responsabilita' u tittenta titfa' tali responsabilita' fuq il-*parte civile* fejn, fost l-ohrajn, tghid li kien qed isuq bi *speed* eccessiv peress li kien mghaggel biex jilhaq il-vapur. Dan l-i*speed* eccessiv ma jirrizulta minn imkien! Minkejja dan, il-Qorti ma tirravizax fis-sewqan tal-imputata dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan perikoluz u bla kont.

Illi fir-rigward tal-griehi sofferti mill-parti leza, il-Qorti tibda billi tinnota li minkejja li fl-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata ssir riferenza ghac-certifikat rilaxxat minn Dr. M. Masini mill-iSptar Mater Dei, meta effettivament dan gie rilaxxat fl-iSptar Generali ta' Ghawdex, dan il-fatt *per se* ghandu jitqies bhala semplici *lapsus calami* u dan ma jwassalx ghal kunflitt li d-difiza taghmel riferenza ghalih fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 202 *et seq.*).

Illi l-Qorti tinnota li d-diversi xhieda li gejjin mill-qasam mediku jaghmlu riferenza ghall-fatt li l-parti leza sofra sofra griehi ta' natura gravi *per durata*. Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda

> ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward tal-griehi sofferti mill-parti leza, il-Qorti tinnota li jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda mismugha minnha (senjatament dawk li jinsabu *a fol.* 23 *et seq.*, *a fol.* 49 *et seq.*, *a fol.* 57 *et seq.*, *a fol.* 64 *et seq.*, *a fol.* 68 *et seq.*, *a fol.* 116 *et seq.*) li l-griehi sofferti minn Borg kienu griehi ta' natura gravi tant li kellu, fost l-ohrajn, frattura fil-klavikola tax-xellug liema frattura nghad li trid sitt (6) gimghat biex taghqad. Dan jirrizulta wkoll mid-dokumenti ezebiti, fosthom ic-certifikati medici mmarkati bhala Dok. "BS 1" (*a fol.* 21) u Dok. "BS 2" (*a fol.* 22), liema certifikati medici gew konfermati minn min rilaxxahom.

Illi, tenut kont ta' dan kollu u tax-xhieda kollha mismugha, b'mod specjali dik moghtija minn Dr. Martin Slivka (*a fol.* 116 *et seq.*), il-Qorti hija tal-fehma li effettivament l-Artikolu li l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghalih fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, cioé Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gie effettivament pruvat u ghaldaqstant jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata giet

sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Sewqan b'manjiera Traskurata, Bla Kont u Perikoluz)</u>**:

Illi f'din l-imputazzjoni l-imputata qed tigi akkuzata li dakinhar tas-6 ta' April 2012 kienet qed isuq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz.

Illi ghandha ssir riferenza ghal dak li nghad fil-konsiderazzjonijiet rigward l-ewwel (1) imputazzjoni u kif ukoll ghall-gurisprudenza kwotata hemmhekk. Fil-konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni gie konkluz li l-imputata kienet zgur negligenti u traskurata fis-sewqan taghha, inkluz li kellha nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq rigward sewqan perikoluz u bla kont u, kif ukoll, tenut kont tal-hin li sehh l-incident u l-fatt li ma kienx hemm vetturi ohra jinstaqu f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident u ma kienx hemm nies mexjin bir-rigel, il-Qorti tasal biex tikkonkludi li s-sewqan tal-imputata ma kienx wiehed perikoluz u bla kont. Ghaldaqstant, filwaqt li l-imputata ser tigi misjuba hatja ta' sewqan traskurat, m'hijiex ser tigi misjuba hatja ta' sewqan b'mod perikoluz u bla kont.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Hsara Involontarja fuq il-Mutur bin-Numru ta' Registrazzjoni BCA 034)</u>**:

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, l-Avukat Generali, filwaqt li jindika Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (liema Artikolu jaghmel riferenza ghall-offiza ta' natura gravi

minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), jindika wkoll Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (liema Artikolu jirrigwarda offizi gravi fuq il-persuna li tkun iggib il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-Qorti tinnota li kien ikun ahjar kieku l-Avukat Generali ndika Artikolu 328(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux Artikolu 328(b) u dana *stante* li filwaqt li ma giex sodisfacentement pruvat li effettivament il-parti leza Borg sofra dizabilita' permanenti, jirrizulta wkoll li fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata l-Avukat Generali ndika Artikolu 226(1)(b) u mhux Artikolu 226(1)(a).

Illi ma giex pruvat li l-griehi sofferti mill-parti leza jgibu l-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Apparti minn dan, din il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju. *Oltre* dan, fil-kaz odjern, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkunsidra n-nuqqas tal-Avukat Generali milli jindika Artikolu 328(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala *lapsus calami* u kwindi l-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata *stante* li din ma tirrizultax mill-ebda Artikolu kwotat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata ghall-imputazzjonijiet li gew addebitati lilha u li gew pruvati, hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura ta' dawn l-imputazzjonijiet u kif ukoll il-fedina penali (Dok. "BS 3" – *a fol.* 27) tal-imputata, liema fedina penali hija wahda kompletament nadifa.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi kunsidrat l-insejament fid-decizjoni moghtija fl-10 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li [s-]sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.
>
> Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din

> il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f' kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa".

Illi, tenut kont ta' dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata u filwaqt li, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, ma ssibx lill-imputata hatja li kienet qed issuq b'manjiera bla kont u perikoluz u b'hekk tilliberaha minn din il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 11 ta' Gunju 2013 u senjatament Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Lorna Grech hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni u ta' dik il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal sewqan b'manjiera traskurata, u tikkundannaha multa komplessiva ta' elf u tlitt mitt Euro (€1,300). Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputata ghal zmien xahrejn li jibdew jiddekorru minn-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------